NON-OFFICIAL

ABBOZZ FINALI 05 05 2015

**Il-Programm ta' Ħidma 2015-2017 tal-Imsieħba Soċjali Ewropej**

**'SĦUBIJA GĦAL TKABBIR U IMPJIEGI INKLUSSIVI'**

## INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea tinsab f'salib t-toroq. Kien hemm sinjali ċkejkna ta' rkupru fl-aħħar snin f'xi pajjiżi, b'mod partikulari dawk l-aktar affettwati mill-kriżi, iżda l-irkupru f'ħafna Stati Membri m'għandu l-ebda spinta u xi Stati Membri qegħdin f'deflazzjoni. Il-kriżi finanzjarja li ħakmet lill-UE fl-2008 – u li sussegwentement inbidlet f'waħda ekonomika u soċjali – qed ikompli jkollha effetti ħorox, bi 23.8 miljun ruħ qiegħda fl-UE fi Frar 2015 – li minnhom 4.85 miljun kienu żgħażagħ taħt il-25 sena – u ħafna kumpaniji, inklużi SMEs qed jagħlqu. Jenħtieġ sforz ħafna akbar biex jintlaħqu l-livelli ta' qgħad tal-UE qabel il-kriżi, jiġifieri 16.2 miljun ruħ fl-2008.

Jeħtieġ jiġu megħluba għadd ta' sfidi importanti rigward politiki sabiex l-Ewropa taħkem bis-sħiħ il-potenzjal tagħha ta' tkabbir u impjiegi: tisħiħ tal-investiment pubbliku u privat, tkabbir u aktar ħolqien ta' xogħol; iffissar ta' ambizzjoni industrijali mġedda għall-Ewropa; investiment f'servizzi pubbliċi ta' prestazzjoni għolja; mira lejn l-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi u baġits pubbliċi bilanċjati; żieda fil-qawwa tax-xogħol attiva biex tlaħħaq mal-isfidi tal-bidla demografika; spinta lill-produttività u kisba ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar; tkun żgurata s-sostenibbiltà u l-aċċessibbiltà għal sistemi ta' ħarsien soċjali għaċ-ċittadini kollha; investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u fl-edukazzjoni u t-taħriġ biex tiġi affrontata l-problema tal-istudenti li ma jibqgħux jattendu l-iskola obbligatorja; sistemi edukattivi – anke fl-ogħla livelli – aċċessibbli bla ebda diskriminazzjoni; kisba ta' riżultati aħjar fit-tagħlim u intrapriżi aktar innovattivi; u r-rikonoxximent tal-fatt li d-djalogu soċjali jrawwem it-tkabbir u l-impjieg.

Il-'proċess Val Duchesse' mibdi fl-1985 mill-Kummissjoni wassal għall-bidu ta' djalogu soċjali fost l-industrija fl-UE. Il-ftehim, milħuq mill-imsieħba soċjali Ewropej fl-1991, u inkorporat fit-Trattat ta' Maasctricht fl-1992, talab għal rwol ħafna aktar b'saħħtu għall-imsieħba soċjali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika soċjali u l-politika dwar l-impjiegi tal-Komunità. Wara dan, l-imsieħba soċjali Ewropej żviluppaw ukoll djalogu aktar awtonomu u b'hekk iddiversifikaw l-istrumenti tagħhom. Id-djalogu soċjali huwa wieħed mill-pilastri ewlenin tal-mudell soċjali tal-UE.

Illum, id-djalogu soċjali Ewropew jeħtieġ li jiżviluppa aktar sabiex jirrifletti u jwieġeb għall-ħtiġijiet ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi u soċjali aktar differenti f'Unjoni Ewropea akbar. L-UE, l-Istati Membri u l-imsieħba soċjali għandhom jagħtu prijorità lill-azzjonijiet biex ikun hemm progress tanġibbli fit-trawwim tal-kompetittività globali tal-Ewropa u tkabbir u impjiegi inklussivi fl-Ewropa. It-tmexxija ekonomika u l-involviment kontinwu tal-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali mħabbar reċentement - li jimplika l-konsultazzjoni tal-imsieħba f'mumenti ewlenin tal-proċess – jikkostitwixxu wkoll sfida importanti għall-imsieħba soċjali f'livell nazzjonali u Ewropew.

Dan huwa l-ħames programm ta’ ħidma bipartit tal-imsieħba soċjali Ewropej[1].

L-imsieħba soċjali għandhom rwol importanti, fost affarijiet oħra, biex itejbu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol. Id-djalogu soċjali, f’xi pajjiżi, jinsab taħt pressjoni. Dan il-ħames programm ta’ ħidma wkoll ifittex li jsaħħu fil-livelli xierqa kollha.

Id-djalogu soċjali huwa partikolarment relevanti bħalissa biex jinkisbu soluzzjonijiet li huma ġusti, responsabbli u effettivi, li jikkontribwixxu lejn l-irkupru ekonomiku u jibnu l-koeżjoni soċjali. Biex jinkisbu riżultati, jeħtieġ li bejn l-imsieħba soċjali jkun hemm sjieda u fehim ta’ miri komuni dwar ħolqien ta’ tkabbir u impjiegi inklussivi iżda wkoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-Ewropa fl-ekonomija globali filwaqt li titrawwem il-prosperità u l-koeżjoni soċjali fl-Ewropa.

F’dan il-kuntest, l-approċċ huwa li:

- Nindirizzaw l-isfidi msemmija hawn fuq billi nikkontribwixxu awtonomament lejn il-politiki li jaffettwaw direttament jew indirettament l-impjiegi u s-swieq tax-xogħol.
- Inrawmu u nsaħħu l-iżvilupp ta’ djalogu soċjali awtonomu madwar il-pajjiżi Ewropej f’livelli inter-professjonali, settorjali u/jew f’intrapriżi f’konformità ma’ prattiċi ta’ relazzjonijiet industrijali nazzjonali.
- Inkomplu wkoll naġixxu f’livelli bipartiti u tripartiti, u nieħdu bħala bażi tagħhom il-proposti u l-inizjattivi possibbli tal-Kummissjoni Ewropea li, fost affarijiet oħra, jirriżultaw mill-programmi ta’ ħidma tal-Kummissjoni.
- Niżviluppaw ir-rwol tagħna fil-proċess tas-semestru Ewropew, li jeħtieġ interazzjoni aktar mill-qrib u intensa bejn il-livelli Ewropej u nazzjonali tal-imsieħba soċjali, inkluż fil-kuntest tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali.

L-imsieħba soċjali Ewropej jistgħu jiddeċiedu li jaffrontaw kwistjonijiet oħra minbarra dawk inklużi f’dan il-programm ta’ ħidma u jikkunsidraw mezzi oħra ta’ azzjoni wara l-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea f’konformità mal-Artikoli 154-155 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

## 1. Trawwim ta’ anzjanità attiva u approċċ inter-ġenerazzjonali

Bi tweġiba għall-isfidi demografiċi u l-isfidi ta’ anzjanità attiva, jeħtieġ jiġu implimentati miżuri, fejn meħtieġ, f’livelli nazzjonali, settorjali u ta’ kumpaniji, biex ikun eħfef għal ħaddiema akbar fl-età li jipparteċipaw b’mod attiv u jibqgħu fis-suq tax-xogħol, u fl-istess waqt ikun żgurat li jittieħdu miżuri sabiex ikunu faċilitati t-tranżizzjonijiet inter-ġenerazzjonali fil-kuntest ta’ qgħad għoli fost iż-żgħażagħ.

Għandha tiġi mtejba b’mod sinifikanti l-abbiltà ta’ ħaddiema akbar fl-età li jibqgħu aktar fit-tul fis-suq tax-xogħol, b’saħħithom u attivi.

L-imsieħba soċjali Ewropej iqisu wkoll il-kuntest tal-objettivi dwar l-impjiegi li hemm fl-istrateġija Ewropa 2020.

L-imsieħba soċjali Ewropej ħarsu lejn il-kwistjoni l-aktar fil-kuntest tas-Sena Ewropea dwar l-Anzjanità Attiva fl-2012 u qed jibnu fuq il-Qafas tagħhom ta’ Azzjonijiet dwar l-Impjieg taż-Żgħażagħ innegozjat fl-2013. Bħala parti minn dan il-programm, huma se jkomplu jiddiskutu l-prattiċi u l-miżuri li hemm bżonn jiġu indirizzati fosthom dawn il-kwistjonijiet ewlenin:

[1] BUSINESSEUROPE, CEEP, UEAPME u ETUC (u l-kumitat ta’ liasion Eurocadres/ CEC)

- Anzjanità attiva: Li jiġu kkunsidrati miżuri u kundizzjonijiet tax-xogħol li jimmiraw li jinkoraġġixxu u jgħinu lil ħaddiema akbar fl-età jibqgħu aktar fit-tul jew jirritornaw fis-suq tax-xogħol, bħal ngħidu aħna: sigħat flessibbli ta' xogħol, tranżizzjonijiet gradwali fl-irtirar, titjib/aġġornament tal-ħiliet, u/jew regolamenti u miżuri dwar saħħa u sigurtà preventivi bħalma huma l-adattamenti fiżiċi u organizzattivi tal-post tax-xogħol bl-għan li titwal l-abbiltà tax-xogħol. Dan kollu għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà soċjali u l-ħarsien soċjali u l-proċessi ta' informazzjoni u konsultazzjoni;
- Immaniġġjar tal-bidla tal-ħaddiema akbar fl-età: L-immaniġġjar tal-konsegwenzi fis-suq tax-xogħol minħabba gruppi dejjem akbar ta' ħaddiema li jirtiraw, l-aktar f'termini ta' ingaġġ ta' ħaddiema ġodda, opportunitajiet għall-integrazzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol u l-bżonn għal aktar attivazzjoni attiva tal-persuni qiegħda;
- Tagħlim: Il-promozzjoni ta' proċessi xierqa ta' mmaniġġjar ta' riżorsi umani biex jilqgħu, jinfurmaw u jintegraw persuni ġodda fl-intrapriżi, billi ngħidu aħna tiġi assenjata persuna ta' referenza/mentor, li tiffaċilita l-proċess ta' integrazzjoni fl-intrapriża u fl-impjieg u billi tantiċipa l-ħtieġa tal-ħiliet;
- Trasferiment ta' ħiliet: L-iżvilupp ta' miżuri ta' tagħlim u taħriġ tul il-ħajja bl-għan li jkun hemm trasferiment ta' ħiliet fejn ħaddiema kbar u żgħażagħ f'setturi u kumpaniji bl-għan li jiġi indirizzat l-iżbilanċ fil-ħiliet b'mod partikolari f'oqsma u setturi b'rati għolja ta' bżonn ta' ħaddiema.

Karrieri itwal jistgħu jikkontribwixxu biex tinżamm is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tal-pensjonijiet, l-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà inter-ġenerazzjonali fl-Ewropa.

L-imsieħba soċjali Ewropej se jinnegozjaw ftehim ta' qafas awtonomu.

Huma se jorganizzaw seminar għall-ġbir ta' fatti fil-bidu tan-negozjati. B'dan, ikunu qed jiżguraw li l-bosta sitwazzjonijiet tas-swieq tax-xogħol madwar l-Ewropa jiġu meqjusa kif xieraq u tissaħħaħ is-sjieda tal-imsieħba soċjali nazzjonali.

## 2. Promozzjoni aħjar ta' rikonċiljazzjoni bejn xogħol u ħajja privata u familja u ugwaljanza tal-ġeneri biex tonqos id-differenza fil-paga bejn il-ġeneri

Il-kisba ta' bilanċ aħjar bejn xogħol u ħajja hija sfida politika importanti għall-UE, għal Stati Membri , imsieħba soċjali u s-soċjetà b'mod ġenerali. Filwaqt li d-disponibbiltà, il-kwalità u l-aċċessibbiltà ta' servizzi u infrastrutturi ta' ħarsien soċjali xierqa jibqgħu adegwati, hemm bżonn ta' approċċ integrat u ambizzjuż lejn politiki ta' rikonċiljazzjoni biex:

1) Tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u tonqos id-differenza fil-paga bejn il-ġeneri. Id-differenza fil-paga bejn il-ġeneri hija fenomenu b'ħafna wċuh spjegat minn ħafna raġunijiet inklużi s-segregazzjoni orizzontali u vertikali fis-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' faċilitajiet ta' childcare, tqassim mhux bilanċjat tar-responsabbiltajiet familjari u domestiċi, diskriminazzjoni u sterjotipi tal-ġeneri fuq il-post tax-xogħol.

2) Il-familji jkunu jistgħu jirrikonċiljaw aħjar ix-xogħol, il-familja u l-ħajja privata.

L-imsieħba soċjali Ewropej diġà ħadu sehem attiv f'dan id-dibattitu, fost affarijiet oħra fil-kuntest tal-ftehim konġunt tagħhom dwar il-leave tal-ġenituri, il-qafas tagħhom ta' azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluża t-tnedija fl-2014 ta' tagħrif dwar il-ġeneru fuq il-web u l-ittra konġunta tagħhom dwar iċ-childcare. F'livell nazzjonali, ittieħdu ħafna azzjonijiet ġodda f'dawn l-aħħar snin biex jiġi promoss bilanċ aħjar bejn xogħol u ħajja iżda fadal bosta sfidi.

Fil-kuntest ta' dan il-programm ta' ħidma huma se:

- Jibnu fuq it-tielet prijorità tal-qafas tagħhom ta' azzjonijiet fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tal-2005 dwar l-appoġġ għall-bilanċ bejn xogħol u ħajja: L-imsieħba soċjali Ewropej se jorganizzaw seminar għall-ġbir ta' fatti biex jidentifikaw u jippromwovu faċilitajiet ta' leave, arranġament dwar xogħol u kura li jkunu ta' benefiċċju kemm għal min iħaddem u min jaħdem.

- Jorganizzaw skambju ta' prattiċi tal-imsieħba soċjali nazzjonali u leġiżlazzjoni eżistenti biex titjieb il-bażi tat-tagħrif rigward paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali bejn irġiel u nisa u jiġu indirizzati l-fatturi li jikkontribwixxu għal sistemi ta' paga newtrali bejn il-ġeneri.

Huma se jaqblu dwar konklużjonijiet konġunti, li jistgħu jinkludu gwida u inizjattivi oħra ta' studju ulterjuri, u, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet pubbliċi.

## 3. Mobbiltà u migrazzjoni

L-UE għandha tagħmel aktar biex tiffaċilita l-mobbiltà tal-ħaddiema madwar l-Ewropa u biex ittejjeb l-aċċettazzjoni politika tagħha billi tindirizza l-loopholes u l-kwistjonijiet ta' infurzar fir-regoli Ewropej u nazzjonali li jwasslu għall-abbużi. L-imsieħba soċjali Ewropej se jkomplu jikkontribwixxu lejn dan id-dibattitu u se jikkunsidraw azzjonijiet konġunti li jmorru lil hinn mill-parteċipazzjoni regolari tagħhom fil-kumitati konsultattivi tal-Kummissjoni marbuta mal-moviment ħieles tal-ħaddiema.

L-imsieħba soċjali Ewropej jinsabu lesti li jikkontribwixxu lejn l-isforzi tal-Kummissjoni u l-Kunsill biex jiżviluppaw pakkett ta' mobbiltà u jġeddu l-politika tal-UE dwar l-immigrazzjoni legali b'mod li tkun ta' benefiċċju reċiproku kemm għal dawk li jimpjegaw u kemm għall-ħaddiema u jikkunsidraw ukoll azzjonijiet konġunti li jmorru lil hinn minn din l-inizjattiva.

## 4. Pakkett ta' investiment u tisħiħ tal-bażi industrijali fl-Ewropa

L-investiment totali niżel b'madwar 18% fl-UE matul il-kriżi, fixkel l-irkupru, il-ħolqien tal-impjiegi u l-miri tal-Ewropa għall-2020. Illum jenħtieġu b'mod urġenti aktar investimenti pubbliċi u privati u dawn għandhom ikunu aktar komplementari milli sostituti. Tassew, skont l-istimi tal-Kummissjoni stess, id-defiċit tal-investiment kull sena fl-UE, f'dawn l-aħħar snin, kellu firxa minn €230 sa €370 biljun. Għalhekk il-pjan ta' investiment Ewropew ta' €315 biljun mifrux fuq tliet snin huwa l-ewwel pass meħtieġ għaliex jista' jagħti spinta lil proċess ta' tkabbir li kapaċi jsaħħaħ lilu nnifsu. Iridu jiġu mfassla strumenti ġodda u effettivi.

L-inizjattiva tal-Kummissjoni tpoġġi l-enfasi fuq investimenti mmirati tajjeb fir-Riċerka u l-Iżvilupp, infrastrutturi li jsaħħu t-tkabbir bħall-enerġija li tiġġedded u l-effiċjenza fl-enerġija, it-trasport, il-broadband u l-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tressaq ammont sinifikanti ta' investiment lejn proġetti li jistgħu jgħinu lill-ġenerazzjoni żagħżugħa ssib impjiegi deċenti.

L-Unjoni Ewropea, b'mod parallel, wittiet it-triq għal tiġdid industrijali fl-Ewropa, fejn mill-inqas 20% tal-PGD fl-2020 għandu jiġi ġġenerat minn attivitajiet ta' manifattura, inklużi l-SMEs. Il-pakkett ta' investiment għandu għalhekk jikkontribwixxi bis-sħiħ lejn it-tiġdid tal-bażi industrijali Ewropea, speċjalment f'ċerti setturi u katini ta' valur. Fis-snin li jwasslu għall-2020, it-tħaddir tal-ekonomija jista' wkoll ikollu effett pożittiv fuq il-ħolqien tal-impjiegi jekk ikunu mwaqqfa politiki xierqa li jimmassimizzaw l-opportunitajiet ta' ekonomija baxxa fil-karbonju jew riżorsi li jiffrankaw l-enerġija filwaqt li jnaqqsu kemm jistgħu r-riskju għan-negozji. L-għan huwa li jkun żgurat li jiġu meqjusa l-isfidi għas-swieq tax-xogħol, liema sfidi jinbtu minn politiki ġodda dwar enerġija u klima.

Il-pjan tal-UE jrid jagħti prijorità lill-investiment u jikkontribwixxi għal klima aħjar għall-investiment billi jinħolqu malajr il-kundizzjonijiet għall-ħolqien tal-impjiegi u l-kwalità tal-oġġetti u s-servizzi. It-tneħħija ta' ostakli għall-investiment fl-Ewropa tfisser li jkunu żgurati

regolamenti li jipprovdu ċertezza legali; li jkun inkoraġġit it-tkabbir u l-impjieg, speċjalment fil-pajjiżi l-aktar milquta mill-kriżi; it-tnaqqis ta' burokrazija mhux meħtieġa; u l-aċċess aħjar għall-finanzi u għas-Suq Wieħed f'oqsma bħall-ekonomija diġitali u l-unjoni tal-enerġija.

Se jkun meħtieġ ukoll investiment ambizzjuż f'ngħidu aħna infrastrutturi soċjali, partikolarment is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali. Huwa essenzjali wkoll investiment fil-faċilitajiet ta' kura għall-promozzjoni ta' bilanċ aħjar bejn ħajja u xogħol. Il-fond soċjali Ewropew u programmi oħra finanzjarji tal-UE mmirati, bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u Erasmus +, huma vetturi importanti għall-appoġġ finanzjarju tal-UE lejn investimenti soċjali meħtieġa.

Tmexxija adegwata, indipendenti u trasparenti tal-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku – EFSI – hija importanti wkoll flimkien ma', fejn xieraq, l-involviment tal-imsieħba soċjali. Sabiex ikun żgurat li l-pjan jagħti riżultati għolja kif mistenni, l-għażla tal-proġetti trid tappoġġja l-miri strateġiċi tat-tkabbir u l-impjiegi.

L-imsieħba soċjali tal-UE, li elaboraw fuq pakkett ta' investiment separatament, se jkomplu jikkontribwixxu attivament, inkluż f'format bi u/jew tripartit fit-tfassil ta' pjan ta' investiment l-aktar biex ikunu żgurati riżultati ottimali f'termini ta' tkabbir u ħolqien ta' impjiegi.

## 5. Ħiliet meħtieġa f'ekonomiji diġitali

L-imsieħba soċjali se jaqsmu fehmiet dwar kif tista' tinkiseb qawwa tax-xogħol aktar mgħallma, mħarrġa u ta' ħila, inklużi riżultati aħjar f'termini ta' kompetenzi bażiċi, skont l-isfidi tas-swieq tax-xogħol tal-lum u ta' għada. Sabiex jimtela dan il-vojt fil-ħiliet, huwa importanti li wieħed jiżgura, fost affarijiet oħra, li riżorsi xierqa għal tagħlim tul il-ħajja huma disponibbli fuq bażi ta' qsim ta' spejjeż.

Ir-rikonoxximent ta' tagħlim informali u mhux formali huwa wkoll importanti. Gwida adegwata għaż-żgħażagħ fl-edukazzjoni u t-taħriġ bl-għan li jkun hemm tranżizzjonijiet bla skossi fis-suq tax-xogħol hija wkoll importanti biex wieħed jindirizza l-iżbilanċ.

L-imsieħba soċjali se jaqsmu opinjonijiet dwar il-kwistjoni speċifika tal-ħiliet diġitali inkluż ir-rwol tat-tagħlim diġitali u mill-bogħod, riżorsi edukattivi miftuħa u servizzi elettroniċi. L-iskambju għandu jinkludi taħriġ u metodi ta' kwalifika u l-aħjar prattiċi.

Il-kuntest ġenerali għal din il-ħidma huwa l-qafas 2002 ta' azzjonijiet dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tul il-ħajja. L-iskambji bipartiti bejn l-imsieħba soċjali Ewropej dwar dawn il-kwistjonijiet se jkunu organizzati fejn meħtieġ fil-kuntest tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali bl-għan li jkun promoss it-tagħlim reċiproku. Se tiġi kkunsidrata wkoll ħidma analitika ulterjuri dwar it-tagħlim tul il-ħajja fl-2016 bħala parti miċ-ċiklu li jmiss ta' proġetti integrati.

## 6. Politiki dwar suq tax-xogħol attiv

Aspett wieħed li jassigura impjegabbiltà ogħla huwa t-twettiq ta' politiki effettivi dwar suq tax-xogħol attiv li jiżguraw l-appoġġ neċessarju għal dawk li qed ifittxu impjieg u inċentivi effettivi għall-impjieg.

Fis-swieq tax-xogħol tal-lum, huwa meħtieġ dejjem aktar minn qatt qabel li n-nies ikollhom il-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa biex jadattaw għall-bidliet, biex jidħlu, jibqgħu u jimxu 'l quddiem fis-suq tax-xogħol, u politiki dwar suq tax-xogħol attiv għandhom jikkontribwixxu wkoll għal dan l-objettiv.

Il-politiki dwar suq tax-xogħol attiv (ALMPs) jinvolvu varjetà ta' strumenti u miżuri bħal servizzi ta' impjieg pubbliċi u privati, inċentivi fuq il-post tax-xogħol, inċentivi biex wieħed jibda negozju, tqassim ta' xogħol, rotazzjoni ta' xogħol, taħriġ jew assistenza speċjali għal gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol. L-ALMPs huma mfassla u implimentati biex jintegraw persuni qiegħda u inattivi fil-popolazzjoni li taħdem u biex jappoġġjaw il-mobbiltà fis-suq tax-xogħol.

Minħabba d-diversità tal-ħtiġijiet individwali, huma meħtieġa servizzi ta' akkumpanjament individwali u metodi ta' inseriment professjonali personalizzat biex jinkisbu riżultati pożittivi. Sabiex tkun żgurata l-eżistenza ta' ALMPs effettivi hemm bżonn li jkunu disponibbli riżorsi mmirati sew.

Dawn huma l-miżuri ewlenin kollha biex jiffaċilitaw it-tfittxija attiva ta' impjieg sabiex ikun hemm bilanċ aħjar bejn provvista u domanda tax-xogħol, speċjalment għal min ilu ħafna qiegħed u għaż-żgħażagħ, anke f'kuntest ta' implimentazzjoni kontinwa ta' sistemi ta' garanzija għaż-żgħażagħ.

F'dan l-isfond, l-imsieħba soċjali Ewropej se jaqsmu opinjonijiet, fost affarijiet oħra fil-kuntest tal-Kumitat għad-Djalogu Soċjali, dwar l-effettività u l-kwalità tal-ALMPs sabiex ikunu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet minn qgħad għal impjieg u lejn impjiegi aktar u aħjar.

## 7. Trawwim ta' apprendistati biex jiżdiedu l-impjiegi għaż-żgħażagħ

Fl-2013, l-imsieħba soċjali Ewropej adottaw qafas ta' azzjonijiet dwar l-impjiegi għaż-żgħażagħ li se jkun segwit f'livell nazzjonali sakemm jitwettqu l-azzjonijiet.

Minn dakinhar, huma daħlu f'attivitajiet dwar l-apprendistati bħala parti mill-proġetti integrati għall-2014-2016. Dan ix-xogħol għall-ewwel se jitmexxa separatament qabel ma jiġi eżaminat f'konferenza konġunta fl-2016. Fuq din il-bażi, se jesploraw il-possibbiltà ta' aktar attivitajiet konġunti bl-għan li jinkisbu livelli ogħla ta' mobbiltà ta' apprendisti madwar l-Ewropa.

## 8. Impenn lejn il-promozzjoni ta' bini ta' kapaċità u riżultati aħjar fl-implimentazzjoni

Aktar minn għaxar snin wara l-adozzjoni tal-ewwel ftehim dwar qafas awtonomu, u b'UE li kibret għal 28 Stat Membru, il-proċessi ta' implimentazzjoni wrew ċerti sfidi li jridu jiġu megħluba.

L-imsieħba soċjali Ewropej se jkomplu jiżviluppaw il-fehim komuni tagħhom dwar l-istrumenti ta' djalogu soċjali tal-UE u kif dawn jista' jkollhom impatt pożittiv fil-bosta livelli ta' djalogu soċjali sabiex jinbena, jiżviluppa u jissaħħaħ. Imsieħba soċjali qawwija, indipendenti u rappreżentattivi huma fattur ewlieni ta' dan il-proċess.

Huma jagħrfu li hemm bżonn ta' sforzi akbar biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-impenji meħuda permezz tal-proċess ta' negozjati ta' ftehimiet awtonomi fl-Istati Membri kollha, f'konformità mal-proċeduri u l-prassi speċifiċi għall-immaniġġjar u x-xogħol fl-Istati Membri.

L-imsieħba soċjali Ewropej se joħolqu sotto-grupp (b'bilanċ ġeografiku) b'mandat li jeżamina u jimplimenta l-istrumenti ta' djalogu soċjali awtonomu. Dan se jiltaqa' fil-kuntest ta' kull laqgħa tal-KSD u jirrapporta direttament lilu u jipproponi azzjonijiet ta' appoġġ sabiex jinkisbu riżultati aħjar ta' implimentazzjoni bl-għan li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE.

Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali Ewropej se jniedu u jikkoordinaw, f'konformità mat-tmexxija interna rispettiva tagħhom, l-iżvilupp ta' orjentazzjonijiet bl-għan li jinkisbu riżultati aħjar ta' implimentazzjoni fil-pajjiżi fejn hu meħtieġ il-progress, inklużi permezz ta' prattiċi nazzjonali ta' skambju.

Ukoll fil-kuntest tal-proġetti integrati tagħhom, l-imsieħba soċjali Ewropej qablu wkoll li jżidu l-isforzi tagħhom sabiex titjieb l-implimentazzjoni tal-ftehimiet awtonomi tagħhom, b'approċċ li jkopri t-28 Stat Membru kollha iżda ffukat fuq it-8-10 Stati membri fejn fil-passat. Dan se jinkludi:

- ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet awtonomi fit-28 Stat Membru tal-UE;

- approċċ ġdid li jimmira lejn it-8-10 pajjiżi fejn ġie osservat nuqqas ta' implimentazzjoni jew implimentazzjoni insuffiċjenti, inkluż sa 5 żjajjar f'xi wħud minn dawn il-pajjiżi, li nittamaw li jikkontribwixxu għal progress reali.

Finalment, jekk wara sentejn ta' ħidma ta' dan is-sotto-grupp jidher li l-ftehimiet ta' dan il-qafas ma jkunux ġew implimentati b'mod sodisfaċenti, l-imsieħba soċjali se jeżaminaw azzjonijiet ulterjuri ta' appoġġ biex itejbu r-riżultati tal-implimentazzjoni.

****************************************